## Kap 2 :  It-twelid ta' Ġesù Kristu
(Mt 1, 18-25)

[Lq:2:1] F'dik il-ħabta Ċesari Awgustu ħareġ digriet biex isir ċensiment fid-dinja kollha.
[Lq:2:2] Dan kien l-ewwel ċensiment li sar meta Kirinu kien gvernatur tas-Sirja.
[Lq:2:3] U kulħadd mar biex jinkiteb, kull wieħed fil-belt tiegħu.
[Lq:2:4] Ġużeppi wkoll mar mill-Galilija, mill-belt ta' Nazaret, u tala' l-Lhudija, fil-belt ta' David jisimha Betlehem - għax hu kien mid-dar u l-familja ta' David -
[Lq:2:5] biex jinkiteb flimkien ma' Marija l-għarusa tiegħu, li kienet tqila.
[Lq:2:6] Ġara li, meta kienu hemm, Marija għalqilha ż-żmien biex teħles,
[Lq:2:7] u wildet l-ewwel iben tagħha, fisqietu u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda.

## Ir-rgħajja u l-anġli

[Lq:2:8] F'dawk l-inħawi kien hemm xi rgħajja fir-raba', għassa mal-merħla tagħhom billejl.
[Lq:2:9] U dehrilhom anġlu tal-Mulej, il-glorja tal-Mulej iddiet madwarhom, u qabadhom biża' kbir.
[Lq:2:10] Iżda l-anġlu qalilhom: "Tibżgħux, għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu.
[Lq:2:11] Illum, fil-belt ta' David, twildilkom Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej.
[Lq:2:12] U bħala sinjal ikollkom dan; issibu tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura."

[Lq:2:13] F'daqqa waħda ngħaqdu ma' l-anġlu għadd kbir ta' qtajja' tas-sema, ifaħħru lil Alla u jgħidu:

> [Lq:2:14] "Glorja lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet,
> u sliem fl-art lill-bnedmin li jogħġbu lilu!"

[Lq:2:15] Meta mbagħad l-anġli ħallewhom u telgħu s-sema, ir-rgħajja bdew jgħidu lil xulxin: "Ejjew immorru Betlehem ħa naraw x'ġara kif għarrafna l-Mulej."
[Lq:2:16] Marru mela jgħaġġlu, u sabu lil Marija u 'l Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura.
[Lq:2:17] Kif raw dan, bdew jgħarrfu b'kull ma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija,
[Lq:2:18] u kull min semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-rgħajja.
[Lq:2:19] Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha.
[Lq:2:20] Ir-rgħajja mbagħad reġgħu lura, isebbħu u jfaħħru lil Alla għal kull ma kienu raw u semgħu, kif l-anġlu kien qalilhom.

